# BJUDA

Bqajt inħares lejha sa l-aħħar ħin;... ma kontx sa naraha darb'oħra. Daħlet fi ġnien ta' ġilji, li jien ma jistħoqqlix li nirfes fih. Inkun qiegħed ngħid kelma b'oħra, jekk ngħid li din il-firda ma ħassejthiex bi kbira, għax kont ilni nafha lil Bianca.

L-ewwel darba li ltqajna, konna għadna kemm għamilna l-ewwel tqarbina, u nzerta li ħaduna għar-ritratt fl-istess post. L-ebda kelma m'għaddiet bejnietna, għax konna nħossu ruħna qaddisin żgħar, u ta' tfal li konna għidna f'qalbna, "subien ma' subien u bniet ma' bniet". Dak in-nhar moħħi kien aktar fir-ritratt u ftit li xejn tajt kas ta' Bianca. Ma nafx kif bqajt nif-takar wiċċha, għax akar laqtitni l-libsa bajda li kellha. Kienet tassew sabiħa u tixirqilha. L-istar ħafif li kien jinżel minn fuq ġbinha għal wara kien miżmum f'qagħdu minn kuruna ġiżimin mdawwra ma' rasha. Kellha libsa fina daqs kemm kienet sabiħa u għanja. Bianca ħadet ħsiebha u għożżitha. Sal-lum, għadha bla tebgħa u bla tiżrid

Konna kbirna sewwa meta rġajna ltqajna, u l-idejiet tagħna kienu tbiddlu. Tbissima l-lum u oħra għada, kelma minn hawn u kelma minn hemm, fl-aħħar sirna ħbieb kbar. Minn naħa tiegħi ħassejt li konna neħtieġu lil xulxin. Dil-bidla kienet minn ewl id-dinja, iżda meta waslet, bħal ħaditni għal għar-rieda. Għax xejn ma sibtha bi kbira biex inredden u nħarref u ngħid kliem fieragħ li, fl-aħħar mill-aħħar, ridt infisser ħaġ'oħra bih; iżda meta ġejt għall-kelma nnifisha, ilsieni tqal. U fl-aħ-ħar, il-kelma lissintha meta ma kontx nistenniha.

Kien jum mill-isbaħ tar-rebbiegħa, meta ltqajna xi erba' ħbieb u qtajna li mmorru nagħmlu dawra bil-mixi. Kien temp li jħajrek itterraq għax tħoss li m'int sa tegħja qatt. Tlaqna b'pass ħafif, nehdew iż-żmien fi tpaċpiċ bla sens u xi minn daqqiet f'argumenti mill-aktar serji. Bianca kienet magħna, jew biex inkun aktar eżatt, miegħi. Żammet ma' ġenbi ħalli tgħid kontra dak li ngħid jien, u b'hekk ittawwal it-taħdit. Kont nafha u għalhekk ma ħadtx għaliha. It-tbissima ta' fommha kienet tixhed is-safa ta' qalbha u ħsiebha. Kienet ferrieħa minnha nnifisha, u għemilha qatt ma kien bi ħsieb li jwaġġa' lil xi ħadd.

Nofs in-nhar sabna l-Buskett xi ftit għajjenin. Intfajna fuq il-ħaxix li kien għadu jħaddar, u frixna l-ikel li konna ġarrejna

magħna. Meta tmur mixja, ma tistax tagħmel agħar milli tis-trieħ u tiekol ħafna, u din id-darba aħna għamilnieħom it-tnejn. Waqgħet telqa fuqna u qtajna li nibqgħu hemm. Il-kliem beda jonqos u kien hemm min ħa xi nagħsa wkoll. Bianca għajjiena, sabet rokna għad-dell, inxteħtet minn tulha u għalqet għajnejha biex tistrieħ. F'dak il-post, f'dik il-ħemda u f'dik il-qagħda, Bianca dehret mod ieħor......mod ieħor għax l-effett li ħalliet fuqi, fuq is-sensi tiegħi u fuq xewqti kien bil-wisq aqwa minn kull ħaġ'oħra li qatt ħassejt. Ilsieni nħall u ridt ngħajjat, "Inħobbok Bianca" sakemm il-ġnub tal-wied jidwu l-għajta u jxandruha ma' kullimkien. Iżda għidtha bil-mod għax bżajt li nqajjimha. Ersaqt lejha bla ħoss sakemm kont ħdejha sewwa; ressaqt wiċċi lejn tagħha u naħseb li kien nifsi li qajjimha minn nagħsa hekk ħelwa;... bexxqet għajnejha. Il-ħarsa tagħhom ma nafx jekk kenitx ta' biża' jew għaġeb. Kien tard li nerġa' lura...... bistha. Idejha daħlu bejnha u bejni, u bħal bejn riedet u bejn ma reditx treġġagħni lura.

"Inħobbok, Bianca", lissint.

Xofftejha triegħdu u tbexxqu, iżda ma weġbitx. Erġajt, u din id-darba warrbitni b'id titriegħed.

"Biż-żejjed, għax jarawna l-oħrajn", qaltli minn taħt l-ilsien fil-waqt li qamet u farfret xi trab minn fuq id-dublett bajdani tagħha.

Sa kemm erġajna bdejna nimxu, m'għaddietx kelma oħra bejnietna. Bianca għaddiet iż-żmien billi qagħdet tirranġa xagħarha u ħwejjeġ oħra li bihom riedet tfisser "Ħallini waħdi!" Minn naħa tiegħi ma tkellimtx għax ma kellix xi ngħid; kont ġa għidt u għamilt iż-żejjed. L-imġiba ta' Bianca ħawditni; ma ċan-fritnix, iżda ma ħeġġitnix. Baqgħet hekk sa kemm infridna. Mat-triq għadda xi kliem bejnietna biex ma nuru xejn quddiem l-oħrajn, iżda moħħna ma kienx f'dak li konna qegħdin ngħidu. Jien kont qiegħed nagħmel ħilti kollha biex nifhem x'seta' kien għaddej minn moħħ Bianca. U hi? Min jaf?

Qtajt xewqti xi żmien aktar tard. Kont ilni ma naraha mhux ħażin, meta darba fil-waqt li kont nitgħaxxaq bil-Port il-Kbir mill-Barrakka ta' Fuq, nilmaħha tħares minn taħt il-għajn għan-naħa tiegħi. Mort għal fuqha u hi, bħal-leħħa ta' berqa, dawwret wiċċha qisha ma ntebħitx bija. Ma qtajtx qalbi u komplejt.

"X'hemm, Bianca?"

"Ara min hawn!" qalet mistagħġba. "X'int tagħmel?"

"Inħares lejn il-Port......u naħseb. Sabiħ, hux?"

"Iva." Kliemha kien xott. Bdejt infaħħar kull naħa tal-Port u hi twieġeb "Tassew", "Iva", "Veru" u kliem ieħor bħal dan li ma nafx kif ma qbadtx u ħallejtha weħidha. Ġara bil-maqlub; iktar għamilt ħilti biex inġiegħlha tikellem. Daħħalt f'rasi li kienet tħobb lil xi ħadd ieħor.

"Bianca".

"Hawn".

"Imma moħħok mhux hawn"

"X'inhu?"

"Moħħok mhux hawn. Qed taħseb xi ħaġ'oħra...... Mhux fuq il-Buskett, hux? Jisgħobbija li mxejt hekk miegħek. Naħseb li ħadt għalik".

"Le, imma......"

"Eh, imma......"

"Hemm bżonn li ma narawx lil xulxin iżjed".

"Għaliex?!"

Issaqsinix. Tkun taf minn hawn u ftit taż-żmien ieħor".

"Imma din kif inhi? Ma ħadtx għalik u ma tridx li niltaqgħu iżjed.

"Emminni li ma ħadtx għalija. Naf li ma ridtx tagħmel deni. Anzi niżżik ħajr talli għażilt li tagħti mħabbtek lili, iżda ...kollu għalxejn, ħtija tiegħi...kien missni ntbaħt x'ġej".

"Kieku nista' nifhem x'qiegħda tgħid!"

Hawn ħadet nifs kbir, qisha biex timtela bil-ħila, u ħarset f'wiċċi.

"Trid taf is-sewwa?" Għamilt sinjal b'rasi li 'iva'. "Is-sewwa kollu hu, li jien qatt m'għaddieli minn moħħi kemm kont niswa f'għajnejk. Dejjem ħsibt li aħna konna żewġ ħbieb u xejn iżjed. Ma nistax infehmek kemm ngħożż imħabbtek, imma ma nistax nagħtik imħabbti. Aħfirli jekk qarraqt bik, iżda tista' toqgħod fuq kliemi li dan għamiltu mingħajr ma kont naf. Hajti kollha għad nibqa' nibki n-nuqqas ta' ħsieb tiegħi." Mix-xeħta kont nidher imbegħren għax kompliet: "Nagħdrek, għandek raġun. Htijieti. Mħabbti ġa tajtha lil ħaddieħor."

U mitluf kif kont, ħarġitli tgħajjira minn qalbi mħawwda.

Hi tbikkmet. Għajnejha bdew jilmaw bid-dmugħ, u ħarsu lejja kiebja. Ma weġbitx. Wiċċha bjad daqs ilbiesha, u deherli li mhux Bianca kelli quddiemi, iżda anġlu. Lbitt fija nnifsi għal li għamilt, iżda qalbi baqgħet tbaqbaq bil-għira għal min kien seraqli lil Bianca.

"Aħfirli, ma kontx naf x'qiegħed ngħid. Għidli iżda, min hu dak li għandu dritt għalik iżjed minni? Min hu? X'inhu? X'jista'......"

"Ieqaf," wissietni. "Qalbi ma tajtha lil ħadd ħlief lil Ġesù."

"Ġesù?! Qed titlef Bianca?!"

"Le. Irrid insir soru." U nfridna.

Tbissmitli għall-aħħar darba. Infetaħ il-bieb u deher passaġġ twil bis-sorijiet mal-ġenb, weqfin. U Bianca dawret wiċċha minna u telqet ferħana. Stħajjiltha miexja fuq sħab tal-borra, u s-sorijiet sħabha tbiddlu f'anġli jkantaw għana tal-ġenna. Treqitha kienet miksija ġilji, u dawl bħal xita ta' fidda li tgħammex l-għajnejn, bidel lil Bianca. Saret ruħ...nħallilha ġisimha u baqgħet safja bħal ilmet ix-xita. Tbiegħdet u telgħet il fuq sa waslet f'riġlejn Dak li tatu mħabbitha. Niżlet quddiemu u besitlu saqajh. U Hu tbissmilha. Jekk kelli xi għira taret. Ħriġt tellief, tassew. Imma min ilumha lil Bianca jekk għażlet bjuda bħal dik; bjuda li ssaħħar ... bjuda bla tmiem.

EVARIST SALIBA.

## LILL-KEWKBA

Rajtek sabiħa tidd.,
Ta' bellus iswed f'sodda tteptep; bewstek
Tal-fidda xxerred, bħal rużetta fina,
Kewba ħanina.

U ta' sbuħitek it-tbissima
Fuq wiċċi xterdet, dawl utiq u ħlejju,
Li d-dlam ta' ħsiebi ċarrat,
U qalbi mela b'ferħ u tama,
Tama ta' għodwa safja,
Biż-żiffa tar-Rebbiegħa,
Bil-wiċċ tar-raba' jidħak
B'nirien ta' ward iħammar qalb is sfura,
B'tixrid ta' lwien u ħdura......

Kollox mudlam għalissa,
U minn ġol-lejl għal-għodwa; għall-ferħ min-niket;
Għall-bewsa tar-Rebbiegħa
Iċarċar għad id-dmugħ tad-dieqa.
Teptep u iddi, għalhekk, ja kewkba sbejħa;
Sakemm jisbaħ il-jum tennili l-ġrajja
Li tnissel ġewwa qalbi l-ferħ tal-ħajja.

30/3/50. G. B. CASSAR.